Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2024/2085(INI)

1.4.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
(2024/2085(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marie-Pierre Vedrenne

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits u lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ipproklamat u ffirmat mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, u l-20 prinċipju tiegħu,

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102) u l-miri ewlenin tagħha għall-2030, li jindirizzaw l-impjiegi, il-ħiliet u t-taħriġ, u t-tnaqqis tal-faqar,

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-għanijiet 1, 4, 5, 8 u

10,

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal[1a],
	[1a] ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1004/oj.

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ[1a],
	[1a] ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2024 bit-titolu "Semestru Ewropew 2025 – Pakkett tal-Ħarifa" (COM(2024)0700),

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2024 għal rapport konġunt dwar l-impjiegi tal-Kummissjoni u tal-Kunsill (COM(2024)0701) (il-JER),

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza,

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tas-26 ta' Frar 2024 bit-titolu "Social governance of the Recovery and Resilience Facility: Involvement of the national social partners" (Il-governanza soċjali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-

Reżiljenza: L-involviment tas-sħab soċjali nazzjonali),

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea[1a],
	[1a] ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2041/oj.

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A. billi d-dimensjoni soċjali tal-irkupru tal-UE hija aspett orizzontali fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF); billi l-objettiv ġenerali tal-RRF huwa li tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżijiet, il-kapaċità ta' aġġustament u l-potenzjal tat-tkabbir tal-Istati Membri, billi timmitiga l-impatt soċjali u ekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19, billi tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u billi tappoġġja t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u b'hekk tikkontribwixxi għal konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq, tirrestawra u tippromwovi t-tkabbir sostenibbli u trawwem il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa –Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	–Aa. billi l-ambitu tal-RRF jirreferi għal sitt pilastri ta' politika jiġifieri:
	(a) it-tranżizzjoni ekoloġika;
	(b) it-trasformazzjoni diġitali;
	(c) it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;
	(d) il-koeżjoni soċjali u territorjali;
	(e) is-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali; u
	(f) politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, għat-tfal u għaż-żgħażagħ;
	billi jeħtieġ li jiġu żgurati l-koerenza u s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet taħt il-pilastri kollha, minħabba n-natura interrelatata tagħhom;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu ***tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)*** jgħinu biex l-UE ssir aktar reżiljenti u anqas dipendenti billi jiddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista ewlenin u b'hekk isaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE; billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-RRF jiġġeneraw ukoll valur miżjud Ewropew;	A. billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu ***tal-RRF*** jgħinu biex l-UE ssir aktar reżiljenti u anqas dipendenti billi jiddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista ewlenin u b'hekk isaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE; billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-RRF ***għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, u l-konverġenza soċjali 'l fuq, għandhom jappoġġjaw tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ekoloġika u aktar diġitali, li***

ssaħħaħ il-kompetittività Ewropea filwaqt li tnaqqas l-inugwaljanzi soċjali u territorjali u tipproteġi lill-persuni vulnerabbli, u għandhom jiġġeneraw ukoll valur miżjud Ewropew; ***billi r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-RRF għandhom jiżguraw ukoll l-inklużjoni soċjali u jsaħħu s-servizzi u l-infrastruttura pubbliċi u soċjali;***

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-RRF toffri opportunità bla preċedent biex jiġu żgurati tranżizzjonijiet ekwi u ġusti lejn in-newtralità klimatika, id-diġitalizzazzjoni u t-tibdil demografiku; billi din għandha tindirizza l-impatti soċjoekonomiċi speċifiċi għall-ġeneru fil-proċess tal-irkupru; billi l-miżuri għandhom jindirizzaw il-protezzjoni soċjali, l-impjiegi ta' kwalità, l-akkomodazzjoni bi prezz raġonevoli, u l-appoġġ lill-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli biex jittejbu l-istandards tal-għajxien f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi fis-snin reċenti, l-UE wriet reżiljenza b'saħħitha għal tfixkil ekonomiku u soċjali kbir, b'mod partikolari minħabba risponsi koordinati u strumenti ġodda, bħall-RRF u l-istrument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jiġu mmitigati r-riskji ta'

qgħad f'emerġenza (SURE); billi dawn l-għodod kienu kruċjali biex jiġi pprevenut irkupru asimmetriku bejn l-Istati Membri u biex it-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u inklużiva tibqa' miexja b'ritmu tajjeb;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-konsegwenzi soċjali tal-kriżijiet kellhom impatt mhux indaqs, u affettwaw b'mod partikolari lill-individwi b'introjtu baxx u lil gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-Istati Membri kisbu livelli differenti ta' progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) tagħhom; billi r-rapport speċjali 13/2024[1a] tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri sab li l-Istati Membri se jbatu biex jassorbu l-ammont sħiħ tal-fondi allokati sal-31 ta' Awwissu 2026 u li għad hemm riskji fir-rigward tat-tlestija tal-miżuri fit-tieni nofs tal-implimentazzjoni tal-RRF; billi d-dewmien fl-implimentazzjoni rriżulta minn, fost affarijiet oħra, żieda fl-inflazzjoni, sfidi tal-akkwist pubbliku, nuqqasijiet ta' provvista, u flutwazzjonijiet fil-prezzijiet tas-suq; billi, fl-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, huwa essenzjali li jiġu applikati t-tagħlimiet meħuda u jiġu aġġornati l-istrutturi eżistenti;

[1a] Ir-Rapport Speċjali 13/2024 tal-Qorti tal-Awdituri tal-10 ta' Settembru 2024 bit-titolu "Assorbiment ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – Qed isir progress b'xi dewmien u għad hemm riskji fir-rigward tat-tlestija tal-miżuri u, għalhekk, l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF".

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-kontroll demokratiku effettiv u l-iskrutinju parlamentari fuq l-implimentazzjoni tal-RRF jirrikjedu l-involviment sħiħ tal-Parlament u l-kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha tiegħu fl-istadji kollha;	F. billi l-kontroll demokratiku effettiv u l-iskrutinju parlamentari fuq l-implimentazzjoni tal-RRF jirrikjedu l-involviment sħiħ tal-Parlament u l-kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha tiegħu fl-istadji kollha; ***billi l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, hija kruċjali wkoll għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-NRRPs u hija rekwiżit skont ir-Regolament RRF;***

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-JER sab li l-valutazzjoni mis-sħab soċjali nazzjonali tal-involviment tagħhom fl-implimentazzjoni tal-RRF fl-2023 ma kinitx ugwali; billi l-oqfsa istituzzjonali għall-involviment tas-sħab soċjali huma diversi, peress li xi Stat Membri stabbilew ambjenti u proċeduri

speċifiċi, filwaqt li oħrajn użaw il-mezzi tad-djalogu soċjali eżistenti u fi ftit pajjiżi, ġew involuti s-sħab soċjali permezz ta' korpi ġodda jew gruppi ta' ħidma speċifiċi li nħolqu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jew biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-RRPs; billi l-Istati Membri għandhom jippromwovu n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea[1a], flimkien mal-involviment f'waqtu u sinifikattiv tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika rilevanti fil-livell tal-UE u nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri;

[1a] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea (ĠU C, C/2023/1389, 6.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1389/oj).

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi skont il-JER għall-2025, minn 7 129 objettiv intermedju u mira inklużi fis-27 RRP, 2 201 huma mistennija li jikkontribwixxu għall-politiki soċjali (madwar 31 %) u mill-1 742 objettiv intermedju u mira ssodisfati fl-14 ta' Novembru 2024, 505 irawmu l-politiki soċjali (madwar 30 %);

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fc. billi l-UE qed tiffaċċja soċjetà li qed tixjieħ bi tnaqqis previst fir-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjoni matul l-erba' deċennji li jmiss, filwaqt li l-ħtiġijiet ta' kura fit-tul diġà huma kbar u qed jiżdiedu; billi r-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fost il-persuni akbar fl-età baqa' stabbli, iżda r-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjoni għal karriera ta' 40 sena huma mistennija li jonqsu fil-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE, f'xi każijiet b'aktar minn 20 punt perċentwali;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-Kummissjoni trid tipprovdi rapport ta' evalwazzjoni ex post indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-RRF sal-31 ta' Diċembru 2028, li jikkonsisti f'valutazzjoni globali tal-RRF u li jkun fih informazzjoni dwar l-impatt tagħha fit-tul;	G. billi l-Kummissjoni trid tipprovdi rapport ta' evalwazzjoni ex post indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-RRF sal-31 ta' Diċembru 2028, li jikkonsisti f'valutazzjoni globali tal-RRF u li jkun fih informazzjoni dwar l-impatt tagħha fit-tul***, inkluża data dwar l-eżiti soċjali***;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi kull Stat Membru jeħtieġlu jalloka mill-anqas 20 % tal-allokazzjoni totali fl-ambitu tal-RRP tiegħu għal miżuri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw; billi t-titjib tal-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni u tal-forza tax-xogħol

	ġenerali, l-għoti ta' spinta lid-diġitalizzazzjoni tan-negozji, iż-żieda fil-firxa tas-servizzi pubbliċi diġitali u l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni ta' proġetti ewlenin tal-gvern elettroniku huma kollha passi essenzjali fit-triq lejn il-kisba tat-tranżizzjoni diġitali;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi 55,56 % biss tal-adulti għandhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi[1a]; billi waħda mill-miri diġitali tal-UE hija li 80 % tal-adulti jkollom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi sal-2030; billi l-UE jeħtieġ li tegħleb kull forma ta' nuqqas ta' ħiliet u diskrepanza fil-provvista u d-domanda sabiex tagħmel l-aħjar użu mill-kapital uman tagħha; billi kull persuna għandu jkollha aċċess għal infrastruttura diġitali adegwata u għat-taħriġ fil-ħiliet diġitali, sabiex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs fis-sistema edukattiva u fis-suq tax-xogħol; billi saru riformi u investimenti sinifikanti fil-ħiliet bażiċi, inklużi reviżjonijiet kurrikulari, iżda dawn ma indirizzawx biżżejjed l-isfidi eżistenti, u dan jirrikjedi sforzi ulterjuri madwar l-UE biex jitreġġgħu lura x-xejriet ta' tnaqqis;
	[1a] Eurostat, "Database", https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sdg_04_70/default/table; Eurostat, "56 % of EU people have basic digital skills" (56 % tan-nies tal-UE għandhom ħiliet diġitali bażiċi), 15 ta' Diċembru 2023, https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/ddn-20231215-3.

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jenfasizza*** l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi ***u jappoġġja lill-gvernijiet billi jikkontribwixxi*** għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;	1. ***Jirrikonoxxi*** l-fatt li l-RRF hija strument bla preċedent ta' solidarjetà fid-dawl ta' żewġ kriżijiet bla preċedent u pedament tal-istrument Next Generation EU, li jintemm fl-2026; jenfasizza l-effett stabbilizzanti tal-RRF għall-Istati Membri fi żmien ta' inċertezza ekonomika kbira, peress li jtaffi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi ***tal-kriżijiet; ifakkar li objettiv ġenerali tal-RRF huwa li tikkontribwixxi*** għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ***sabiex tinbena Ewropa soċjali aktar b'saħħitha u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, biex b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza fit-tul madwar l-UE***; ***jissottolinja li dan l-għan għandu jibqa' jissaħħaħ billi jiġi żgurat l-investiment pubbliku fit-tul f'servizzi soċjali pubbliċi ta' kwalità għolja u billi jiġu promossi miżuri li jnaqqsu l-inugwaljanzi għal kulħadd;**

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li l-RRF għandha rwol kruċjali fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali billi tiġġieled il-faqar, tnaqqas il-qgħad u trawwem irkupru ekonomiku inklużiv; jinnota li l-kisba ta' rata ta' impjieg ta' 78 % fl-UE sal-2030 hija waħda mill-miri ewlenin stabbiliti mill-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jenfasizza li, filwaqt li din il-mira tista' tintlaħaq, huma meħtieġa passi ulterjuri fil-livelli kollha biex tiġi attivata l-parteċipazzjoni fis-suq

tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati u jiġu attirati aktar nies fis-suq tax-xogħol; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' riformi u investimenti ambizzjużi li jallinjaw mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jagħtu prijorità lill-impjiegi ta' kwalità għolja u l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli, jindirizzaw nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u teknoloġiji emerġenti, u jsaħħu d-djalogu soċjali, u s-sistemi tal-infrastruttura u tal-protezzjoni soċjali biex jiġu indirizzati sfidi immedjati u r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol fit-tul; jirrimarka li, abbażi tal-aktar ċifri reċenti disponibbli, aktar minn 16,3 miljun persuna pparteċipaw fl-edukazzjoni jew it-taħriġ b'appoġġ li wasal mill-RRF u aktar minn 2,1 miljun persuna jew sabu impjieg jew involvew ruħhom f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jenfasizza li l-investimenti u r-riformi tal-RRF li huma mmirati lejn il-ġenerazzjoni li jmiss, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u l-aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità huma kruċjali għal konverġenza soċjali fit-tul; jirrikonoxxi li l-investiment fil-benesseri u l-edukazzjoni ta' kwalità tat-tfal huwa essenzjali għall-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà ekonomika; jisħaq li l-miżuri mmirati lejn il-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ fl-NRRPs jagħmlu enfasi fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-titjib tal-infrastruttura tal-iskejjel, u l-appoġġ għall-impjiegi tat-tfal u taż-żgħażagħ żvantaġġjati; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-NRRPs jallokaw madwar EUR 56,4 biljun għal dan il-pilastru u li r-rapport annwali tal-Kummissjoni

jindika li sar progress tanġibbli mill-Istati Membri, b'259 mis-665 objettiv intermedju u mira rrapportati bħala lesti mill-Istati Membri jew ivvalutati bħala li ġew issodisfati mill-Kummissjoni sal-31 ta' Awwissu 2024; jieħu nota ta' rata ta' progress ta' 39 %, inklużi 21 % tat-talbiet għall-pagament ivvalutati u taċ-ċifri disponibbli li jindikaw li aktar minn 9,4 miljun żagħżugħ u żagħżugħa ta' bejn il-15 u d-29 sena rċevew appoġġ permezz tal-RRF; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu l-isforzi taħt dan il-pilastru f'konformità mal-objettivi tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, l-Istrateġija Ewropea għall-Kura, u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-aċċess għal kura fit-tul bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jenfasizza l-fatt li, flimkien mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, l-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti fl-RRPs tal-Istati Membri tappoġġja tkabbir ġust, inklużiv u sostenibbli, u b'hekk iżżid il-ħolqien tal-impjiegi u tippromwovi l-istabbiltà u l-investiment finanzjarju; jisħaq li, flimkien mas-sostenn ipprovdut mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, l-RRF tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb il-kompetittività, ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżi, il-kapaċità ta' aġġustament u l-potenzjal tat-tkabbir tal-Istati Membri, u billi trawwem il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja permezz ta' riformi u investimenti

rilevanti; jinnota li ġew inklużi diversi miżuri mill-Istati Membri fl-NRRPs tagħhom biex jappoġġjaw il-koeżjoni soċjali u territorjali, bħal dawk iddedikati għall-aċċess għas-suq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni, u l-infrastruttura u s-servizzi territorjali; jinnota li s-27 NRRP allokaw madwar EUR 261,2 biljun għal dan il-pilastru, b'1 064 mill-2 888 objettiv intermedju u mira rrapportati bħala lesti mill-Istati Membri jew ivvalutati bħala li ġew issodisfati mill-Kummissjoni sal-31 ta' Awwissu 2024[1a]; jenfasizza li dan jirrappreżenta rata ta' progress ta' 37 %, li jinkludi 20 % tat-talbiet għall-pagament ivvalutati;

[1a] Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, "Recovery and Resilience Facility: State of play and way forward" (Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Il-qagħda attwali u l-ġejjieni), Frar 2025, https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2025/765765/EPRS_IDA(2025)765765_EN.pdf.

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-fatt li l-RRF ipprovdiet spazju fiskali addizzjonali temporanju mill-pandemija u kkontribwiet għall-prevenzjoni tad-diverġenzi bejn Stati Membri ***bi spazju fiskali differenti***; jinnota s-sejba tal-Kummissjoni li l-RRF wasslet għal żieda sostnuta fl-investimenti madwar l-UE u li l-Kummissjoni tistenna li l-RRF ikollha impatt dejjiemi madwar l-UE lil hinn mill-2026 minħabba s-sinerġiji tagħha ma' fondi oħra tal-UE;	2. Jilqa' l-fatt li l-RRF ipprovdiet spazju fiskali addizzjonali temporanju ***u stabbilizzanti*** mill-pandemija u kkontribwiet għall-prevenzjoni tad-diverġenzi bejn Stati Membri ***billi tathom appoġġ malajr u dirett***; jinnota s-sejba tal-Kummissjoni li l-RRF wasslet għal żieda sostnuta fl-investimenti madwar l-UE u li l-Kummissjoni tistenna li l-RRF ikollha impatt dejjiemi madwar l-UE lil hinn mill-2026 minħabba s-sinerġiji tagħha ma' fondi oħra tal-UE; ***jisħaq, madankollu, li l-investimenti soċjali għandhom ikomplu***

jingħataw prijorità sabiex ikun żgurat impatt dejjiemi, b'mod partikolari f'termini ta' akkomodazzjoni, faqar enerġetiku, inklużjoni diġitali, swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb u aċċess ekwu għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja għal kulħadd;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jinnota li r-Regolament RRF, flimkien mas-Semestru Ewropew bħala l-qafas għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għar-riforma nazzjonali, fih rabta qawwija mal-prinċipji tal-EPSR; jisħaq li l-miżuri fl-RRPs li huma mistennija jrawmu l-politiki soċjali ma jindirizzawx bl-istess mod il-prinċipji kollha tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'xi prinċipji koperti b'mod marġinali biss jew mhux allinjati b'mod sħiħ mal-kontenut tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-RRPs fuq il-progress lejn il-miri tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u twettaq analiżi diżaggregata dwar kif il-miżuri inklużi fl-RRPs indirizzaw kull prinċipju;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Ifakkar li l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-RRF, kif ukoll fondi oħra tal-UE, bħal SURE, għenet biex is-swieq tax-xogħol jiġu protetti mir-riskju ta' ħsara fit-tul ikkawżata mix-xokk ekonomiku doppju tal-pandemija u l-kriżi

tal-enerġija; jinnota li f'Mejju 2023, ir-rati ta' impjieg laħqu livelli għoljin rekord, filwaqt li l-qgħad naqas għal livell rekord baxx ta' madwar 6 % u baqa' baxx minn dak iż-żmien 'l hawn; ifakkar, madankollu, li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli b'mod persistenti, b'medja ta' 15 % madwar l-UE u aktar minn 20 % f'għadd ta' Stati Membri; jenfasizza f'dan ir-rigward, l-impenji taħt il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa, li tkompli tixpruna riformi strutturali u tappoġġja l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jagħtu prijorità lill-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħha fl-RRPs tagħhom u jżidu l-investimenti tagħhom fl-appoġġ għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi għaż-żgħażagħ taħt il-pilastru tal-ġenerazzjoni li jmiss;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jenfasizza l-isforzi varjati tal-Istati Membri favur l-introduzzjoni ta' riformi u programmi ta' investiment regolatorji u mhux regolatorji biex jiżdied l-istokk ta' akkomodazzjoni soċjali u tiġi appoġġjata l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, bħal akkomodazzjonijiet ġodda bi prezz raġonevoli u programmi ta' self issussidjat, programmi għar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali għall-aktar gruppi vulnerabbli jew appoġġ mill-gvern lill-muniċipalitajiet għal proġetti ta' akkomodazzjoni ġodda u rinnovazzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-iżgurar tal-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali deċenti u bi prezz raġonevoli jew assistenza għall-akkomodazzjoni ta' kwalità għal dawk fil-bżonn, f'konformità mal-Prinċipju 19 tal-EPSR; jisħaq fuq l-

	importanza li jiġi ssalvagwardjat id-dritt tal-persuni vulnerabbli għal assistenza xierqa u protezzjoni kontra tkeċċija furzata, u l-għoti ta' kenn adegwat u servizzi għall-persuni bla dar biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tagħhom;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jieħu nota tal-projezzjoni tal-Kummissjoni fl-2024 dwar il-potenzjal tal-impatt ta' Next Generation EU fuq il-prodott domestiku gross (PDG) reali tal-UE sal-2026, li huwa ferm aktar baxx mis-simulazzjoni tagħha fl-2020 (1,4 % meta mqabbel ma' 2,3 %) u tal-istima li Next Generation EU jista' jwassal għal żieda mdaqqsa u fuq medda qasira ta' żmien fl-impjiegi tal-UE sa 0,8 %; jinnota b'sodisfazzjon li l-benefiċċji fit-tul tal-RRF fuq il-PDG jistgħu jkunu minn tlieta sa sitt darbiet akbar mill-baġit żborżat ta' Next Generation EU, skont l-effetti tal-investimenti tal-RRF fuq il-produttività; ***jenfasizza***, madankollu, id-diffikultà li jiġi kkwantifikat l-impatt soċjali u ekonomiku preċiż tal-RRF, peress li ***l-impatt tar-riformi jsir ċar biss wara ċertu dewmien***; jinnota s-sejba tal-Kummissjoni li madwar nofs iż-żieda mistennija fl-investiment pubbliku bejn l-2019 u l-2025 hija relatata ma' investiment iffinanzjat mill-baġit tal-UE, b'mod partikolari mill-RRF;	3. Jieħu nota tal-projezzjoni tal-Kummissjoni fl-2024 dwar il-potenzjal tal-impatt ta' Next Generation EU fuq il-prodott domestiku gross (PDG) reali tal-UE sal-2026, li huwa ferm aktar baxx mis-simulazzjoni tagħha fl-2020 (1,4 % meta mqabbel ma' 2,3 %) u tal-istima li Next Generation EU jista' jwassal għal żieda mdaqqsa u fuq medda qasira ta' żmien fl-impjiegi tal-UE sa 0,8 %; jinnota b'sodisfazzjon li l-benefiċċji fit-tul tal-RRF fuq il-PDG jistgħu jkunu minn tlieta sa sitt darbiet akbar mill-baġit żborżat ta' Next Generation EU, skont l-effetti tal-investimenti tal-RRF fuq il-produttività; ***jisħaq***, madankollu, ***fuq*** id-diffikultà li jiġi kkwantifikat l-impatt soċjali u ekonomiku preċiż tal-RRF, peress li ***l-effetti tar-riformi jieħdu ż-żmien biex jimmaterjalizzaw, u jissottolinja li l-investimenti għandhom jiġu evalwati mhux biss abbażi tat-tkabbir ekonomiku iżda wkoll abbażi tal-kontributi tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi, għat-titjib tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, u għall-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta***; jinnota s-sejba tal-Kummissjoni li madwar nofs iż-żieda mistennija fl-investiment pubbliku bejn l-2019 u l-2025 hija relatata ma' investiment iffinanzjat mill-baġit tal-UE,

b’mod partikolari mill-RRF;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza li n-nuqqasijiet ta’ ħaddiema u ta’ ħiliet huma ostakli serji għat-tkabbir, il-kompetittività u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE, li jaffettwaw setturi differenti u lill-Istati Membri sa gradi differenti, b’konsegwenzi għar-reżiljenza ġenerali tal-UE u li, minkejja l-importanza tagħha, il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti għadha limitata madwar l-Istati Membri; jisħaq li l-miżuri tal-RRF jistgħu jagħtu spinta lill-investimenti fil-ħiliet u t-taħriġ tal-ħaddiema matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom sabiex jinkisbu sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jwieġbu aħjar għal domandi ta’ ħiliet li qed jinbidlu u jiksbu eżiti tas-suq tax-xogħol aħjar f’termini kemm tal-kwantità kif ukoll tal-kwalità tal-impjiegi; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jappoġġjaw miżuri biex iżidu l-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti, b’enfasi partikolari fuq individwi b’livell baxx ta’ ħiliet, billi ħafna pajjiżi qed jiżviluppaw kontijiet ta’ tagħlim u mikrokredenzjali individwali u jemmen li analiżi ulterjuri tal-miżuri tal-RRF f’dan il-qasam tista’ tkun utli sabiex jiġi evalwat l-impatt tagħhom b’mod sostanzjali; ifakkar li l-moviment liberu tal-ħaddiema huwa libertà fundamentali u li l-mobbiltà tal-ħaddiema fl-UE jista’ jkollha rwol sinifikanti fl-indirizzar tan-nuqqas ta’ ħaddiema u ta’ ħiliet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-previżjoni tal-ħiliet Cedefop u l-projezzjonijiet tiegħu tax-xejriet tal-impjiegi fil-ġejjieni f’setturi, impjiegi u kwalifiki fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta’ miżuri tal-NRRP li jindirizzaw in-nuqqas ta’ ħaddiema u ta’

ħiliet;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jinnota li l-RRF tikkontribwixxi għal, fost affarijiet oħra, impjiegi, tagħlim u ħiliet għall-adulti, il-modernizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, u edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali u għolja; jissottolinja li dawn il-miżuri għandhom l-għan li jindirizzaw xi whud mill-isfidi għall-kwalità, l-ekwità u r-rilevanza tas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-UE, inkluż bil-għan li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jappoġġjaw il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja ta' kwalità permezz ta' riformi u miżuri ta' governanza biex jagħtu spinta lill-internalizzazzjoni u joħolqu ambjent ta' riċerka u innovazzjoni dinamiku, orjentat lejn ir-riżultati u effettiv;

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jinnota li l-RRF inċentivat l-implimentazzjoni ta' xi riformi inklużi fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż magħmula fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ***u*** li t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF tintuża biex jiġu mmonitorjati kemm il-progress li sar lejn l-ilħuq tal-miri u l-istadji importanti, kif ukoll il-konformità mal-prinċipji orizzontali, u b'mod partikolari s-sitt pilastri, jiġifieri t-	4. Jinnota li l-RRF ***tirrikjedi li l-NRRPs jindirizzaw l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSR) rilevanti bħala prerekwiżit għal valutazzjoni pożittiva; jirrikonoxxi li l-RRF*** inċentivat l-implimentazzjoni ta' xi riformi inklużi fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż magħmula fil-kuntest tas-Semestru Ewropew***, iżda li l-QEA***

tranżizzjoni ekoloġika, it-trasformazzjoni diġitali, it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, il-koeżjoni soċjali u territorjali, is-saħħa, ir-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, u l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, ***inkluża*** l-edukazzjoni;

sabet li għad fadal xi diskrepanzi fir-rigward ta' nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti elementi tas-CSR; ifakkar li t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF tintuża biex jiġu mmonitorjati kemm il-progress li sar lejn l-ilħuq tal-miri u l-istadji importanti, kif ukoll il-konformità mal-prinċipji orizzontali, u b'mod partikolari s-sitt pilastri, jiġifieri t-tranżizzjoni ekoloġika, it-trasformazzjoni diġitali, it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv – ***inkluži l-koežjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb b'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) b'saħħithom –*** il-koeżjoni soċjali u territorjali, is-saħħa, ir-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, u l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, ***inkluži*** l-edukazzjoni ***u l-ħiliet***; ***jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u l-isfidi relatati fl-UE fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, inkluż billi twettaq diskussjonijiet tematiċi, sabiex tippromwovi l-qsim tal-għarfien u l-prattiki tajba fost l-Istati Membri; jisħaq fuq l-importanza ta' investimenti li għandhom l-għan li jżidu l-awtonomija tal-persuni b'diżabbiltà;***

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Ifakkar li l-RRF għandha tappoġġja t-tranżizzjoni demografika tal-UE f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi tippromwovi l-impjiegi u l-opportunitajiet indaqs, inkluži impjiegi ta' kwalità għall-ħaddiema akbar fl-età, tinvesti fit-tagħlim tul il-ħajja, tiżgura standards tal-għajxien adegwati fix-xjuħija permezz ta' pensjonijiet

sostenibbli u adegwati, u tiżgura biżżejjed investiment għall-kura fit-tul (LTC) biex tappoġġja tixjiħ b'saħħtu u sostenibbli; huwa mħasseb li skont il-JER għall-2025, ir-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet huma mistennija li jonqsu u l-ħtiġijiet tal-kura fit-tul huma mistennija li jiżdiedu, li se jiggrava l-isfidi strutturali attwali tad-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà għal prezzijiet raġonevoli u l-kwalità tal-LTC; jisħaq li f'soċjetà li qed tixjieħ, li jiġu żgurati l-adegwatezza u s-sostenibbiltà fiskali tal-pensjonijiet jirrikjedi taħlita ta' politika wiesgħa; jemmen li l-Istati Membri jeħtieġ li jagħmlu aktar sforzi rigward l-adegwatezza tal-pensjonijiet u l-kwalità tas-servizzi tal-LTC, anke permezz tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRPs tagħhom f'konformità mal-Prinċipji 15 u 18 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw riformi tal-pensjonijiet progressivi li mhux biss jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali iżda jsaħħu wkoll l-adegwatezza tal-pensjonijiet, filwaqt li jiżguraw standard ta' għajxien deċenti għal kulħadd;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jinnota li minkejja żieda fl-investimenti fl-UE, il-pagi reali fl-UE u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija, filwaqt li l-impjieg prekarju jibqa' kwistjoni ta' tħassib; jisħaq li l-fatt li l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas bi ftit fl-2023 jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ ulterjuri tal-isforzi sabiex jiġu żgurati l-appoġġ u l-kopertura adegwati għall-introjtu f'konformità mal-Prinċipju 14 tal-Pilastru Ewropow tad-

Drittijiet Soċjali; josserva li diversi Stati Membri emendaw jew ippjanaw li jemendaw l-oqfsa tagħhom tal-paga minima fil-kuntest tal-RRPs tagħhom; jisħaq fuq l-importanza ta' riformi li għandhom l-għan li jżidu l-livelli tal-paga minima f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, filwaqt li jallinjaw mad-Direttiva dwar il-pagi minimi adegwati, u jħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex jieħdu azzjoni fir-rigward ta' din il-kwistjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investimenti u riformi ambizzjużi biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja, jitrawmu kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità, jiġu miġġielda l-faqar u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u jissaħħu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jieħu nota tal-isforzi kontinwi tal-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għas-servizzi soċjali u l-kwalità tagħhom, bħall-adozzjoni ta' Mappa Nazzjonali tas-Servizzi Soċjali biex tidentifika d-diskrepanzi fl-għoti u tiddetermina l-ħtiġijiet ta' investiment, kif ukoll l-investiment f'faċilitajiet tal-kura tas-saħħa ġodda u t-telemediċina biex is-servizzi jinġiebu eqreb tal-pazjenti, strateġiji nazzjonali għas-saħħa biex jittejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa fost il-pajjiżi, u miżuri maħsuba biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa u jtejbu ż-żamma tal-ħaddiema permezz ta' taħriġ u inċentivi; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforzi biex jiżguraw aċċess universali għal servizzi essenzjali ta' kwalità, inklużi l-ilma, is-sanitazzjoni, it-trasport, is-servizzi

	finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali; jenfasizza li s-saħħa mentali hija parti ewlenija mill-irkupru soċjoekonomiku tal-UE u prijorità tas-saħħa okkupazzjonali; huwa mħasseb li xi Stati Membri ma inkludewx biżżejjed miżuri biex jiżguraw kura tas-saħħa mentali aċċessibbli, bi prezz raġonevoli, u ta' kwalità għolja fl-NRRPs tagħhom u jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-istrateġiji għas-saħħa mentali mfassla apposta f'reviżjonijiet futuri tal-NRRPs;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Jilqa' l-fatt li l-RRF tippreżenta opportunità biex jissaħħu s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-politiki tal-attivazzjoni tal-impjiegi; jitlob li ssir diskussjoni ulterjuri dwar kif il-kostijiet ta' servizzi ġodda u l-kostijiet relatati tagħhom se jiġu koperti wara li tintemm l-RRF;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar;	6. Jilqa' l-fatt li l-RRF tipprovdi appoġġ kemm għar-riformi kif ukoll għall-investimenti fl-Istati Membri, iżda jinnota li għad fadal ħafna xi jsir***; jisħaq li l-kwistjonijiet relatati mad-dewmien u mal-kapaċità ta' assorbiment jibqgħu ostakli sinifikanti biex jinkisbu bis-sħiħ il-benefiċċji potenzjali tal-RRF***; jinsab imħasseb li l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni pendenti tal-RRF mhux

	se jippermetti l-implimentazzjoni ta' bosta riformi importanti ppjanati u investimenti kbar***, filwaqt li jissottolinja l-ħtieġa ta' aktar azzjoni ffukata u aċċellerata biex jiġi żgurat li jinkiseb il-potenzjal sħiħ tal-RRF, b'mod speċjali f'oqsma kritiċi għall-istabbiltà, it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali fit-tul***; ***jistieden lill-Istati Membri jżidu l-implimentazzjoni u l-użu tagħhom ta' gwida teknika permezz tal-Kummissjoni u taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku;***

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali ***kkontribwew*** għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar ***fil-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju*** tal-addizzjonalità ***u jappella kontra*** l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra;	7. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRF***, ir-riżorsi addizzjonali sinifikanti ta' REACT-EU magħmula disponibbli għall-istess perjodu***, in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva f'ħafna Stati Membri u l-isfidi ppreżentati mill-ktajjen tal-provvista globali***, kif ukoll id-data ta' tmiem tal-31 ta' Diċembru 2023 għall-perjodu ta' eliġibbiltà għall-koeżjoni 2014-2020, ikkontribwew*** għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar ***li, f'konformità mal-prinċipju*** tal-addizzjonalità***, għandhom jiġu evitati*** l-esklużjoni jew is-sostituzzjoni tal-politika ta' koeżjoni bl-RRF jew bi strumenti temporanji oħra; ***jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li l-Kummissjoni tipprovdi analiżi dwar kemm inħoloq investiment soċjali ġenwin ġdid fl-ambitu tal-NRRPs;***

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-importanza tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, li għandu l-għan li jikseb livell għoli ta' impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta, forza tax-xogħol kwalifikata u reżiljenti, u soċjetajiet inklużivi/koeżivi bħala kruċjali għall-qerda tal-faqar, u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sinerġiji mal-infiq tal-RRF taħt il-pilastri rilevanti; jisħaq, barra minn hekk, li l-Kummissjoni għandha tidentifika modi kif tgħin lill-Istati Membri jaċċelleraw l-użu tal-fondi tal-UE u jtejbu l-assorbiment tagħhom, filwaqt li tiġi rispettata l-ġestjoni finanzjarja tajba;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jilqa' l-possibbiltà li l-finanzjament fl-ambitu tal-RRF jintuża biex isir kontribut għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) billi jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji kritiċi fl-UE sabiex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali tagħha;	10. Jilqa' l-possibbiltà li l-finanzjament fl-ambitu tal-RRF jintuża biex isir kontribut għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) billi jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji kritiċi fl-UE ***u jiġi indirizzat n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għal impjiegi ta' kwalità, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali,*** sabiex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali tagħha ***filwaqt li jiġu żgurati d-drittijiet tal-ħaddiema u jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri fis-settur tat-teknoloġija***;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jinnota*** li 13-il Stat Membru biss	13. ***Jiddispjaċih dwar il-fatt*** li 13-il

talbu self u li EUR 92 biljun mit-EUR 385,8 biljun disponibbli se jibqgħu ma jintużawx peress li dan l-ammont ma ġiex impenjat sal-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2023; jieħu nota tal-fatt li s-self kien attraenti għall-Istati Membri li kienu qed jiffaċċjaw kostijiet tas-self ogħla fis-swieq finanzjarji jew li xtaqu jikkumpensaw għal tnaqqis fl-għotjiet tal-RRF; ifakkar li l-Parlament kien irrakkomanda sehem ogħla ta' għotjiet milli ta' self u jqis li, fid-dawl tar-restrizzjonijiet fuq il-bażits pubbliċi, hija meħtieġa diskussjoni politika dwar l-użu tal-fondi mhux minfuqa;	Stat Membru biss talbu self u li EUR 92 biljun mit-EUR 385,8 biljun disponibbli se jibqgħu ma jintużawx peress li dan l-ammont ma ġiex impenjat sal-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2023; jieħu nota tal-fatt li s-self kien attraenti għall-Istati Membri li kienu qed jiffaċċjaw kostijiet tas-self ogħla fis-swieq finanzjarji jew li xtaqu jikkumpensaw għal tnaqqis fl-għotjiet tal-RRF; ifakkar li l-Parlament kien irrakkomanda sehem ogħla ta' għotjiet milli ta' self u jqis li, fid-dawl tar-restrizzjonijiet fuq il-bażits pubbliċi, hija meħtieġa diskussjoni politika dwar l-użu tal-fondi mhux minfuqa ***u dwar il-ħtieġa sinifikanti ta' appoġġ finanzjarju f'għadd ta' oqsma, b'mod partikolari l-qerda tal-faqar, l-inklużjoni soċjali, il-provvista ta' akkomodazzjoni, is-servizzi pubbliċi u soċjali, it-tisħiħ tad-djalogu soċjali, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-politiki ta' ħiliet, inklużi l-ħiliet ekoloġiċi u diġitali***;

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Ifakkar li l-RRF, f'konformità mal-Artikolu 19(3)(c) tar-Regolament RRF u l-Anness V, paragrafu 2.3 tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, tirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta r-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-NRRPs tal-Istati Membri, filwaqt li tqis kriterji inkluż il-kontribut tagħhom għat-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Istat Membru, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażagħ, u għall-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, biex

	b'hekk jissaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni; jinnota li dan il-kriterju jirrikjedi l-ogħla punteġġ tal-valutazzjoni;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha qabżu l-miri għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika (37 %) u diġitali (20 %), b'nefqa medja lejn l-objettivi klimatiċi u diġitali tal-RRF kollha kemm hi ta' 42 % u 26 % rispettivament; jinnota li l-QEA xeħtet dubju fuq kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF kkontribwiet għat-tranżizzjoni ekoloġika u rrakkomandat titjib fil-metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF;	18. Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha qabżu l-miri għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika (37 %) u diġitali (20 %), b'nefqa medja lejn l-objettivi klimatiċi u diġitali tal-RRF kollha kemm hi ta' 42 % u 26 % rispettivament; jinnota li l-QEA xeħtet dubju fuq kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF kkontribwiet għat-tranżizzjoni ekoloġika u rrakkomandat titjib fil-metodoloġiji użati biex jiġi stmat l-impatt klimatiku; jenfasizza l-fatt li l-istess nuqqasijiet metodoloġiċi jeżistu fil-pilastri kollha tal-RRF ***u jistieden lill-Kummissjoni tapplika r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA b'mod orizzontali***; ***jenfasizza l-importanza tal-indikaturi relatati mal-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tikkollabora mal-Parlament, fi ħdan id-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza, sabiex tirrieżamina l-indikaturi soċjali f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Porto, u jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta mas-sħab soċjali u mas-soċjetà ċivili;***

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun***; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni rurali u remoti, il-protezzjoni*** soċjali ***u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, u l-impjiegi taż-żgħażagħ, fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-proġetti*** u r-riformi ***relatati mal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ implimentati mill-Istati*** Membri ***fl-ambitu*** tal-RRF;	19. Jinnota l-impatt tanġibbli li l-RRF jista' jkollha fuq l-objettivi soċjali, meta l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu madwar EUR 163 biljun***, li jirrappreżentaw madwar 25 % tan-nefqa totali stmata, u jinnota li sal-lum, il-Kummissjoni żborżat madwar EUR 269 biljun fl-ambitu tal-RRF f'għotjiet, self u finanzjament minn qabel; jinnota li wara r-reviżjonijiet tal-NRRPs, kważi 30 % tan-nefqa*** soċjali ***stmata hija ddedikata għall-investimenti*** u r-riformi ***fl-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal u għas-saħħa u l-kura fit-tul rispettivament, filwaqt li 25 % hija ddedikata għall-impjiegi u l-ħiliet u l-bqija għall-politiki soċjali[1a]; jistieden lill-Istati*** Membri ***jimmiraw mill-inqas 30 % tal-infiq*** tal-RRF ***taħt il-pilastri rilevanti lejn l-investimenti soċjali sal-iskadenza tal-pagament***; ***[1a] COM(2024)0474, p. 19.***

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu aċċellerati l-investimenti fit-tisħiħ tal-protezzjoni soċjali u s-servizzi soċjali pubbliċi, il-pensjonijiet adegwati, il-kura fit-tul, id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari l-akkomodazzjoni soċjali, l-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali – b'mod partikolari l-faqar fost it-tfal – l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, it-taħriġ vokazzjonali u edukattiv għall-

	adulti u l-iżvilupp tal-ħiliet, l-inklużjoni ta' gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, il-familji b'ġenitur wieħed, il-persuni b'diżabilità, il-migranti, il-persuni Rom, il-persuni LGBTIQ, iż-żgħażagħ u l-persuni aktar akbar fl-età, l-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażagħ, il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż it-tbassir tal-ħiliet u d-djalogu soċjali, u l-iżvilupp ta' żoni rurali u remoti fejn in-nefqa għadha lura; jappella għal evalwazzjoni mill-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, biex tiġi ssorveljata l-effettività tal-investimenti soċjali;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni transnazzjonali, l-appoġġ għall-intrapriżi, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura;	20. Jilqa' l-kontributi li saru fl-ambitu tal-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari għall-kompetittività u l-appoġġ għall-SMEs; jinnota l-ħtieġa ta' aċċellerazzjoni tal-investimenti fil-kooperazzjoni transnazzjonali, l-appoġġ għall-intrapriżi ***u l-ħaddiema***, u l-bidliet regolatorji favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li għadhom lura; ***jisħaq li rkupru inklużiv għandu jagħti wkoll prijorità lill-ekonomija soċjali bħala xprunatur ewlieni tat-tkabbir sostenibbli u ekwu;***

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Ifakkar li l-ugwaljanza bejn l-

irġiel u n-nisa hija valur fundamentali tal-UE kif minqux fit-Trattati; jesprimi għalhekk dispjaċir għall-fatt li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex waħda mill-pilastri tar-Regolament RRF; ifakkar li l-NRRPs għandhom jinkludu miżuri li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, sabiex jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jnaqqsu s-segregazzjoni abbażi tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol; jilqa' l-fatt li l-NRRPs riveduti fihom 136 (sub)miżura b'enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jinnota l-impatt pożittiv ta' riformi u investimenti oħra li l-implimentazzjoni tagħhom tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bħal miżuri li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż l-aċċess għall-indukrar tat-tfal u l-kura għall-persuni dipendenti u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li żewġ Stati Membri ma inkludew l-ebda miżura mmirata b'mod espliċitu biex tikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-NRRPs tagħhom u li għadd ta' Stati Membri oħra inkludew għadd relattivament baxx minnhom;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-konġestjonijiet amministrattivi u jipprovdu kapaċità amministrattiva suffiċjenti biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-RRF fid-dawl tal-iskadenza tal-2026 u jevitaw li jikkonċentraw proġetti tal-RRF f'reġjuni u bliet kapitali aktar żviluppati billi jippermettu li l-fondi fl-ambitu tal-RRF	28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-konġestjonijiet amministrattivi u jipprovdu kapaċità amministrattiva suffiċjenti biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-RRF fid-dawl tal-iskadenza tal-2026 u jevitaw li jikkonċentraw proġetti tal-RRF f'reġjuni u bliet kapitali aktar żviluppati billi jippermettu li l-fondi fl-ambitu tal-RRF

jgħaddu għal proġetti fir-reġjuni l-aktar vulnerabbli, u b'hekk jaqdu l-objettiv tal-RRF li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali, territorjali u ekonomika tal-UE; jitlob l-estensjoni awtomatika ta' ***12-il xahar*** ta' proġetti li għandhom rata ta' implimentazzjoni ta' mill-anqas 20 % qabel l-iskadenza tal-2026; jilqa' l-possibbiltà li tiġi stabbilita sistema ta' prijoritizzazzjoni u trasferiment wara l-iskadenza tal-2026 sabiex il-proġetti li jkunu għadhom għaddejjin ikunu jistgħu jiġu ffinalizzati permezz ta' skemi oħra ta' finanzjament, inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment u possibbilment fond Ewropew għall-kompetittività ġdid;	jgħaddu għal proġetti fir-reġjuni l-aktar vulnerabbli, u b'hekk jaqdu l-objettiv tal-RRF li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali, territorjali u ekonomika tal-UE; jitlob l-estensjoni awtomatika ta' ***18-il xahar*** ta' proġetti li għandhom rata ta' implimentazzjoni ta' mill-anqas 20 % qabel l-iskadenza tal-2026; jilqa' l-possibbiltà li tiġi stabbilita sistema ta' prijoritizzazzjoni u trasferiment wara l-iskadenza tal-2026 sabiex il-proġetti li jkunu għadhom għaddejjin ikunu jistgħu jiġu ffinalizzati permezz ta' skemi oħra ta' finanzjament, inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment u possibbilment fond Ewropew għall-kompetittività ġdid;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jiddispjaċih dwar l-involviment insuffiċjenti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, il-parlamenti nazzjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fit-tfassil, ir-reviżjoni jew l-implimentazzjoni tal-NRRPs; ifakkar li l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tal-awtoritajiet nazzjonali u ta' dawk responsabbli għall-iżvilupp ta' dawn il-politiki hija kruċjali għas-suċċess tal-RRF, kif iddikjarat fl-Artikolu 28 tar-Regolament RRF; ifakkar li l-Parlament appoġġja dispożizzjoni vinkolanti fl-RRF biex jiġi stabbilit djalogu f'diversi livelli biex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati rilevanti u jiġu diskussi magħhom it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-NRRPs, b'perjodu ta' konsultazzjoni ċar; jitlob, għalhekk, l-involviment massimu possibbli tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-NRRPs, f'konformità mal-qafas legali nazzjonali u abbażi ta'	39. Jiddispjaċih dwar l-involviment insuffiċjenti***, f'xi Stati Membri,*** tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, il-parlamenti nazzjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fit-tfassil, ir-reviżjoni jew l-implimentazzjoni tal-NRRPs***, kif stabbilit fl-Artikolu 18(4)(q) tar-Regolament RRF, u jisħaq fuq l-importanza tal-involviment tas-sħab soċjali f'miżuri li jikkonċernaw il-politiki soċjali u tas-suq tax-xogħol***; ifakkar li l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tal-awtoritajiet nazzjonali u ta' dawk responsabbli għall-iżvilupp ta' dawn il-politiki hija kruċjali għas-suċċess tal-RRF, kif iddikjarat fl-Artikolu 28 tar-Regolament RRF; ifakkar li l-Parlament appoġġja dispożizzjoni vinkolanti fl-RRF biex jiġi stabbilit djalogu f'diversi livelli biex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati rilevanti u jiġu diskussi magħhom it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-NRRPs, b'perjodu ta' konsultazzjoni ċar; jitlob,

prinċipji ċari u trasparenti;	għalhekk, l-involviment massimu possibbli tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-NRRPs, ***filwaqt li jiġi żgurat proċess ta' involviment komprensiv u trasparenti,*** f'konformità mal-qafas legali nazzjonali u abbażi ta' prinċipji ċari u trasparenti; ***jemmen li l-involviment tal-partijiet ikkonċernati jrid ikun kwalitattiv kif ukoll kwantitattiv, inkluża parteċipazzjoni attiva fi proċessi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni, u jfakkar li l-partijiet ikkonċernati rilevanti għandhom jiġu kkonsultati qabel ma jiġu awtorizzati l-pjanijiet riveduti;***

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	31.3.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 –: 11 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maravillas Abadía Jover, Grégory Allione, Nikola Bartůšek, Vilija Blinkevičiūtė, Rachel Blom, Andrzej Buła, Estelle Ceulemans, Leila Chaibi, Henrik Dahl, Johan Danielsson, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Elena Donazzan, Gheorghe Falcă, Chiara Gemma, Niels Geuking, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Sérgio Humberto, Irena Joveva, Martine Kemp, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Marit Maij, Idoia Mendia, Maria Ohisalo, João Oliveira, Aodhán Ó Ríordáin, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Villy Søvndal, Pál Szekeres, Georgiana Teodorescu, Romana Tomc, Jana Toom, Raffaele Topo, Brigitte van den Berg, Marie-Pierre Vedrenne, Mariateresa Vivaldini, Petar Volgin, Jan-Peter Warnke, Séverine Werbrouck
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Borys Budka, Vivien Costanzo, Andi Cristea, Klára Dobrev, Estrella Galán, Rudi Kennes, Pierfrancesco Maran, Benedetta Scuderi, Andrea Wechsler, Angelika Winzig
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Salvatore De Meo

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

40	+
NI	Jan-Peter Warnke
PPE	Maravillas Abadía Jover, Borys Budka, Andrzej Buła, Salvatore De Meo, Gheorghe Falcă, Niels Geuking, Sérgio Humberto, Martine Kemp, Miriam Lexmann, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Romana Tomc, Andrea Wechsler, Angelika Winzig
Renew	Grégory Allione, Irena Joveva, Jana Toom, Brigitte van den Berg, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Andi Cristea, Johan Danielsson, Klára Dobrev, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Pierfrancesco Maran, Idoia Mendia, Aodhán Ó Ríordáin, Raffaele Topo
The Left	Leila Chaibi, Estrella Galán, Rudi Kennes, João Oliveira
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Maria Ohisalo, Benedetta Scuderi, Villy Søvndal

11	-
ECR	Elena Donazzan, Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Mariateresa Vivaldini
ESN	Petar Volgin
PfE	Nikola Bartůšek, Rachel Blom, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Pál Szekeres, Séverine Werbrouck

1	0
PPE	Henrik Dahl

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni